# Meta l-Madonna ta' Loretu ħarset id-dar Imqaddsa

## Attakk bl-ajru mill-qawwiet Ġermaniżi 6/7/1944



" Kien il-lejl bejn il-ħamsa u s-sitta tax-xahar ta' Lulju 1944. L-avjazzjoni tedeska kienet ibbumbardjat il-belt ta' Loretu u n-naħħat ġirien; il-mira jidher li kienet il-Bażilka tad-Dar Imqaddsa, meta mal-lejl, fi spedizzjoni inċendarja, u mat-tbexbix, bi tfjieħ ta' bomba ta' toqol notevoli, kalklu ta' mitt kilogramm.

Il-pilota kien xi wieħed imħarreġ sew , jew xi ħadd kapaċi ħafna, għaliex il-bomba kienet mitfugħa b'mira preċiża, li kellha bħala target id-Dar Imqaddsa, għalhekk jidher li kieku ma kellux ikun xi intervent preternaturali, din id-Dar kellha tiġi meqruda għal kollox. Il-qerda ma seħħitx, għax il-bomba splodiet fuq it-tambur tal-koppla, u b'hekk id-Dar tal-Madonna ma ġarrbet ebda ħsara.

Kif il-fjamma dehret ma' l-ewwel ħabta , wieħed ma jasalx ifissru umanament, u l-bomba kienet waħda esplożiva kif huma msejħa dawk il-bombi li kapaċi jaqalbu kollox ta' taħt fuq u li jeqirdu kollox li jinsab madwarhom. Il-ħelsien tad-Dar Imqaddsa sar żgur għax Marija ipproteġiet id-Dar tagħha, u riedet li din il-ġrajja tkun magħrufa b'fatti ċari.

Żewġ suldati ta' l-Allejati kienu għassa qrib Portorecanati, li hu bogħod biss minn Loretu xi 14 il-kilometru, u minn hemm osservaw dak il-bombardament Quddiemhom huma lemħu ħabta u sabta viżjoni li mhux faċli tfissirha ta' Sinjura, hemm fil-għoli bi tfajjel f'diragħha madwar il-koppla fejn taħtha tinsab id-Dar għażiża.

F'dak il-waqt donnu li huma nsew dik id-dehra infernali gwerreska li kellhom qudiemhom, u mqanqlin mid-dehra ferriħija ħasbu u ddeċidew li jmorru għand xi persuna reliġjuża risponsabbli, jiġifieri għand l-isqof ta' Loretu, biex jirrakkontawlu kollox.

Infatti, xi ġranet wara waqt ftit tal-kalma, billi l-gwerra kienet tbiegħedi xi ftit daħlu ġol- Belt u stqarrew kollox lil Mons. Gaetano Malchiodi , li dak iż-żmien kien Vigarju Amministratur ta' Loretu.

Dan il-fatt kien irrakkontah Fra Gianmaria d'Ancona u li lilu kien għarrafulu Mons.Malchiodi stes, (Ara Messaggio della S,Casa nru.5.Mejju 2007)

